

Brussell, 8 ta' Settembru 2023
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0311(COD)**

12755/23
ADD 5

SOC 587
ANTIDISCRIM 161
FREMP 235
TRANS 341
SPORT 25
CULT 93
CODEC 1551
IA 214

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Settembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2023) 291 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li-proposta għal Direttiva li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument SWD(2023) 291 final.

Mehmuż: SWD(2023) 291 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.9.2023
SWD(2023) 291 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Il-proposta għal Direttiva li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.

{COM(2023) 512 final} - {SEC(2023) 305 final} - {SWD(2023) 289 final} -
{SWD(2023) 290 final}

A. Ħtieġa ta' azzjoni tal-UE

X'inhom l-problema li qed tiġi indirizzata?

In-nies fl-UE qed isiru dejjem aktar mobbli u kulħadd għandu d-dritt li jiċċaqilaq liberament fl-UE u li jaċċessa s-servizzi fl-Istati Membri kollha. Madankollu, fil-prattika, il-persuni b'diżabilità għadhom jiffaċċjaw ostakli li jistgħu jxekkluhom jew jiskoraġġuhom milli jiċċaqilqu liberament, speċjalment minħabba li l-kards jew iċ-ċertifikati tad-diżabilità tagħhom maħruġa fil-livell nazzjonali mhux dejjem ikunu rikonossuti meta jippruvaw jaċċessaw servizzi taħt l-istess kundizzjonijiet preferenzjali bħal daww disponibbli għal persuni b'diżabilità fil-pajjiż li jkunu qed iżuru matul vjaġġi qosra lejn Stati Membri oħra. Dan għandu implikazzjonijiet prattiċi għall-persuni b'diżabilità li jixtiequ jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra.

Fin-nuqqas ta' kwalunkwe obbligu regolatorju, l-aċċettazzjoni tal-kards u taċ-ċertifikati tad-diżabilità nazzjonali ta' persuni mhux residenti hija volontarja u għalhekk limitata madwar l-UE. Barra minn hekk, ma hemmx sensibilizzazzjoni u għarfien biżżejjed dwar il-kards/ċertifikati nazzjonali tad-diżabilità differenti. B'riżultat ta' dan, **meta persuni b'diżabilità jivvjaġġaw lejn jew iżuru Stati Membri oħra, l-aċċess tagħhom għal kundizzjonijiet preferenzjali, inklużi daww relatati ma' servizzi b'remunerazzjoni u daww mingħajrha, jiġi mxekkel.** Dan jista' jwassal għal diskriminazzjoni indiretta abbażi tan-nazzjonalità f'xi każijiet, jew tal-anqas għal inċertezza dwar jekk individwu jkunx jista' juża l-kard/ċertifikat tad-diżabilità tiegħu meta jaċċessa s-servizzi. Il-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom jistgħu jġarrbu kostijiet għall-aċċess u l-użu ta' servizzi li jkunu mingħajr ħlas għall-kontropartijiet tagħhom fil-pajjiż tad-destinazzjoni u ma jibbenefikawx minn kundizzjonijiet preferenzjali bħal appoġġ monetarju, eżenzjonijiet mill-ħlas għal servizzi partikolari u tipi oħra ta' appoġġ. B'konsegwenza ta' dan, il-persuni b'diżabilità jistgħu jiġu skoraġġuti milli jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra.

L-awtoritajiet pubbliċi jirċievu talbiet għal informazzjoni dwar ir-rikonoxximent ta' kards jew ċertifikati ta' diżabilità maħruġa minn Stat Membru ieħor, li jżidu mal-piż amministrattiv tagħhom. Huma jiffaċċjaw ukoll inċertezza legali, peress li ma għandhomx il-mezzi biex jikkonfermaw il-validità ta' dawn il-kards/ċertifikati.

Barra minn hekk, il-fornituri tas-servizzi jsibu diffikultajiet biex jagħrfu l-firxa diversa ta' kards u ċertifikati nazzjonali tad-diżabilità li huma meħtieġa għall-ġoti ta' kundizzjonijiet preferenzjali. Is-settur tat-turiżmu qiegħed ukoll iġarrab telf ekonomiku minħabba opportunitajiet mitlufa għall-ivvjaġġar minn persuni b'diżabilità.

Meta jivvjaġġaw bil-karozza fl-UE, il-persuni b'diżabilità jiffaċċjaw diffikultajiet fl-użu tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ tagħhom. Għal ħafna persuni b'diżabilità, it-trasport bil-karozza privata huwa l-aħjar jew l-unika mod kif wieħed imur minn post għall-ieħor b'mod indipendenti. Id-disponibilità ta' faċilitajiet ta' parkeġġ riżervati għal persuni b'diżabilità għalhekk hija kruċjali. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, maħluqa mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/376/KE, tfasslet biex tiffaċilita dan. Madankollu, l-effettività tagħha hija mminata mid-differenzi nazzjonali fil-format użat għall-kard, minn nuqqas ta' informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet mogħtija lid-detenturi tal-kards madwar l-Istati Membri, u minn każijiet ta' frodi u falsifikazzjoni tal-kard. Għalhekk spiss ma jkunx ċar għad-detenturi tal-kards kif jistgħu jużaw il-kard tagħhom, fejn jistgħu jsuqu u jipparjkaw, u kif jistgħu jimxu mar-regoli tat-traffiku barra mill-post ta' residenza tagħhom. In-nuqqas ta'

rikonossiment tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ jirriżulta fi żvantaġġi prattiċi għall-persuni b'diżabilità, bħal li ma jkunux jistgħu jipparkjaw qrib id-dħul ta' bini jew li jaqalgħu multi finanzjarji. Dan jista' jillimita l-użu tagħhom tas-servizzi, li jwassal għal trattament mhux indaqs meta mqabbel mal-persuni b'diżabilità b'kard tal-parkeġġ maħruġa mill-pajjiż li jkunu qed iżuru, u fl-aħħar mill-aħħar jiskoraġġixxi lil dawn l-individwi milli jivvjaġġaw.

Jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni, il-persuni b'diżabilità x'aktarx li jkomplu jiffaċċjaw inċertezza dwar jekk il-kard jew iċ-ċertifikat tad-diżabilità nazzjonali tagħhom humiex se jiġu aċċettati meta jivvjaġġaw fl-UE.

L-impatt tal-proġett pilota tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità huwa mistenni li jkun modest minħabba n-natura volontarja tiegħu u l-għadd limitat ta' Stati Membri u setturi li qegħdin jipparteċipaw. Min-naħa l-oħra, ir-rwol pożittiv li kellha l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ fil-promozzjoni tal-moviment liberu u tad-drittijiet tal-parkeġġ tal-persuni b'diżabilità se jissokta. Madankollu, il-problemi bir-rikonossiment tagħha mill-Istati Membri huma mistennija li jżiedu minħabba l-iżviluppi tekniċi u diġitali, li jżidu d-diverġenza fil-mudelli.

It-tixjiħ tal-popolazzjoni huwa mistenni li jżid il-problema peress li hemm prevalenza ogħla ta' diżabilità f'persuni li għandhom 65+ sena (bħalissa 48,6 % tal-persuni f'dak il-grupp ta' età). Barra minn hekk, ix-xejriet tal-ivvjaġġar tal-popolazzjoni ġenerali huma mistennija jżiedu, kif kienet ix-xejra sal-2019 qabel il-pandemija tal-COVID. Għall-persuni b'diżabilità, tfasslu erba' xenarji bbażati fuq suppożizzjonijiet dwar kif id-diskrepanza bejn dan il-grupp ta' persuni u l-popolazzjoni ġenerali se tiżviluppa fir-rigward tal-propensità għall-ivvjaġġar¹. Ix-xenarju bażiku jassumi li d-diskrepanza se tibqa' kostanti. Ix-xenarju ta' żieda fid-diskrepanza jassumi li l-parteciċipazzjoni fit-turiżmu tal-persuni b'diżabilità ma tiżdiedx b'mod parallel ma' dak tal-popolazzjoni ġenerali. Żewġ xenarji aktar ottimistiċi jassumu jew tnaqqis minimu jew eliminazzjoni tad-diskrepanza fl-ivvjaġġar. Madankollu, f'każ li ma tittieħed ebda azzjoni, **l-aktar xenarju probabbli huwa li d-diskrepanza stmata bejn il-parteciċipazzjoni fl-ivvjaġġar tal-persuni b'diżabilità u l-popolazzjoni ġenerali se tibqa' l-istess** jekk tibqa' l-inċertezza dwar ir-rikonossiment tal-kards/ċertifikati tad-diżabilità.

X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?

L-objettiv ġenerali tal-inizjattiva tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità huwa li tiffaċilita l-moviment liberu u l-aċċess ugwali għal kundizzjonijiet preferenzjali għal servizzi pprovduti għal persuni b'diżabilità, irrISPETTIVAMENT minn fejn jivvjaġġaw fl-UE. B'mod speċifiku, għandha l-għan li tiffaċilita r-rikonossiment reċiproku tal-kards tad-diżabilità għall-finijiet ta' aċċess għas-servizzi meta persuni b'diżabilità jivvjaġġaw lejn jew iżuru Stati Membri oħra. Għandha l-għan ukoll li tiffaċilita l-użu tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ u li tiżgura ċ-ċertezza legali dwar dik il-kard.

Meta jaċċessaw servizzi koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha, kemm jekk b'remunerazzjoni kif ukoll mingħajrha, id-detenturi tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità

¹ Ix-xenarji huma bbażati fuq l-informazzjoni miġbura dwar ix-xejriet tal-passat fil-propensità tal-ivvjaġġar tal-popolazzjoni ta' bejn il-15-64 sena (il-bażi tad-*data* tal-Eurostat, TOUR_DEM_TOTOT. Disponibbli fuq: [link](#)) u d-*data* ta' sftarrig dwar persuni b'diżabilità fl-istess grupp ta' età (Economic impact and travel patterns of accessible tourism in Europe - Full Report, 08/03/2015. DG GROW, il-Kummissjoni Ewropea. Disponibbli fuq: [link](#)).

jibbenefikaw mill-istess kundizzjonijiet preferenzjali pprovduti lil persuni b'diżabilità fl-Istat Membru li jkunu qed iżuru. Barra minn hekk, l-inizjattiva għandha l-għan li ttejjeb il-funzjonament tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, filwaqt li ttejjeb ir-rikonoxximent reċiproku, is-sensibilizzazzjoni u tipprevjeni l-falsifikazzjoni u l-użu frawdolenti tagħha.

X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?

Il-problemi identifikati għandhom aspekk transfruntier li ma jistax jiġi solvut mill-Istati Membri waħedhom. Il-ħtieġa ta' azzjoni tal-UE hija direttament marbuta mal-ivvjaġġar transfruntier u mal-isfidi relatati li jiffaċċjaw il-persuni b'diżabilità li jivvjaġġaw fl-UE. Huwa meħtieġ li jiġi żgurat approċċ ikkoordinat bejn l-Istati Membri biex il-persuni b'diżabilità li jkollhom kard jew ċertifikat ta' diżabilità jkunu jistgħu jgawdu mill-istess kundizzjonijiet preferenzjali irrispettivament minn fejn jivvjaġġaw fl-UE. Jekk l-UE ma tintervjenix, id-differenzi kurrenti fil-kards/ċertifikati nazzjonali tad-diżabilità jiżdedu, u t-trattament differenti tal-persuni b'diżabilità madwar l-Istati Membri jkompli jew jiżded, u dan jimmina d-drittijiet tal-moviment liberu tagħhom.

B. Għażliet ta' politika

X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?

Il-valutazzjoni qieset l-għażliet ta' politika li għandhom l-għan li jiffaċilitaw ir-rikonoxximent reċiproku tal-istatus ta' diżabilità fl-UE fir-rigward tal-aċċess għas-servizzi meta wieħed iżur Stat Membru ieħor (A), u li jiffaċilitaw l-użu u ċ-ċertezza legali fl-użu tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità (B), li, meħudin flimkien, jindirizzaw l-isfidi identifikati. Diversi għażliet bħal arranġamenti volontarji, jew l-għażla tas-servizzi twarrbu.

L-għażla ppreferuta hija taħlita tal-**għażla politika A2** (mudell obbligatorju tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità fl-Istati Membri kollha għall-ivvjaġġar għal skopijiet ta' vjaġġar u/jew żjarat - li tkopri s-setturi kollha tas-servizzi) mal-**għażla B2** (mudell obbligatorju tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ).

L-**għażla A2** hija l-aktar effettiva biex tiffaċilita r-rikonoxximent reċiproku tal-kards tad-diżabilità fir-rigward tal-aċċess għas-servizzi meta jkunu qed iżuru Stat Membru ieħor, peress li tobbliga l-ħolqien tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità, li għandha tintuża preċiżament għal dak il-għan u li tista' tiġi rikonoxxuta faċilment madwar l-Istati Membri. Il-Kard telimina l-inċertezza kemm għall-fornituri ta' servizzi li jkollhom jivverifikaw l-istatus ta' diżabilità tal-klijenti kif ukoll għall-persuni b'diżabilità li jivvjaġġaw lejn u/jew li jżuru Stati Membri oħra.

L-**għażla B2** hija l-aktar effettiva biex tiffaċilita r-rikonoxximent tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ. Bħala strument leġiżlattiv vinkolanti, dan jagħmel obbligatorju r-rekwiżiti minimi tal-mudell komuni tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ u l-format u l-karatteristiċi tas-sigurtà tagħha. Il-format aktar omoġenu tal-kards tal-parkeġġ nazzjonali jnaqqas l-inċertezza marbuta mar-rikonoxximent tagħhom għall-persuni b'diżabilità li jivvjaġġaw bil-karozza fl-UE. Dan jippermetti lid-detenturi tal-kards jivvjaġġaw bil-karozza, mingħajr ir-riskju li l-kard tal-parkeġġ tagħhom ma tiġix rikonoxxuta barra minn pajjiżhom. Dan iwassal ukoll għal iffrankar tal-kostijiet għal dawk ikkonċernati, minħabba l-użu ta' slots tal-parkeġġ pubbliċi riżervati għal persuni b'diżabilità.

F'termini ta' għażla tal-istrument legali, **Direttiva** titqies bħala strument xieraq, proporzjonat u effettiv biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-inizjattiva u hija konformi mal-bażijiet legali identifikati.

Liema għażla u min jappoġġaha?

Il-Parlament Ewropew fir-[Riżoluzzjoni tiegħu tal-2022](#) jemmen bis-sħiħ li l-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tkun ibbażata fuq att leġislattiv vinkolanti tal-UE li jkopri firxa ta' oqsma differenti lil hinn mill-kultura, id-divertiment u l-isport.

Il-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet tagħhom jappoġġaw prinċipalment l-estensjoni tal-inizjattiva lil hinn mill-oqsma koperti mill-Kard Ewropea tad-Diżabilità pilota. Fil-konsultazzjoni pubblika, il-maġġoranza ta' dawg li wiegħbu (minn total ta' 3 361) stqarrew li s-setturi ewlenin li għandhom jiġu inklużi fil-Kard Ewropea tad-Diżabilità huma t-trasport pubbliku (1 821), l-attivitajiet kulturali (1 566) u l-parkeġġ (1 534).

Hemm kunsens fost l-Istati Membri li l-problema teżisti, li hija meħtieġa azzjoni tal-UE, u li inizjattiva vinkolanti hija mezz xieraq biex tiġi indirizzata. Hemm ukoll kunsens fost l-utenti u l-Istati Membri li l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għandhom jinżammu bħala kards separati u li kemm kards fiżiċi kif ukoll oħrajn diġitali għandhom ikunu disponibbli għad-detenturi tal-kards.

Hemm ukoll appoġġ qawwi fost il-partijiet ikkonċernati favur strument leġislattiv.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta?

L-analiżi tissuġġerixxi li l-implimentazzjoni tal-għażla ppreferuta jkollha diversi benefiċċji għall-persuni b'diżabilità, għall-fornituri tas-servizzi u għall-awtoritajiet nazzjonali.

Għall-persuni b'diżabilità:

- Tnaqqis fl-inċertezza u żieda fil-parteciġazzjoni fit-turiżmu (huwa stmat li l-għażla A2 se tnaqqas id-diskrepanza fl-ivvjaġġar b'bejn **2,8 u 4,12 punti perċentwali**).
- Benefiċċji monetarji diretti għal madwar 44 % tal-persuni b'diżabilità li qabel kienu ġew miċħuda kundizzjonijiet preferenzjali meta jivvjaġġaw lejn Stat Membru ieħor skont ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika. Dawn huma fil-medda ta' EUR 30-120 (jekk jivvjaġġaw waħedhom) u EUR 80-250 (jekk jivvjaġġaw ma' assistent personali) għal vjaġġi sa 4 ijiem u sa EUR 100 sa 400 għal kull vjaġġ (għal kull persuna) għal vjaġġi sa xahrejn.
- Riskju aktar baxx li jkollhom iħallsu multi minħabba li l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ ma tkunx rikonoxxuta jew li jkollhom iħallsu għal postijiet ta' parkeġġ. L-iffrankar jista' jiġi kkwantifikat bħala ġeneralment anqas minn EUR 300 għall-multi evitati tal-parkeġġ madwar l-UE. Iffrankar ta' EUR 4 kuljum jew ta' EUR 3 fis-sieġha.

Għall-fornituri tas-servizzi:

- Tnaqqis fl-inċertezza dwar il-validità tal-kards nazzjonali u tnaqqis fil-kostijiet għall-verifika tal-kards/taċ-ċertifikati inkluża l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ, żieda fil-

fatturat² mill-ħlas ta' dawk li jakkumpanjaw lill-persuni b'diżabilità, u benefiċċju għas-suq minħabba li aktar persuni b'diżabilità jivvjaġġaw. Is-suq tat-turiżmu aċċessibbli huwa mistenni li jikber b'bejn EUR 2,1 u 3,1 biljun għall-għażla ppreferuta għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità. Dawn iċ-ċifri huma relatati mal-attivitajiet u mal-infiq kollha tagħhom meta jivvjaġġaw. Għall-Kard għall-Parkeġġ, l-għażla ppreferuta għandha l-potenzjal li żżid il-valur miżjud tat-turiżmu aċċessibbli b'bejn EUR 0,2 biljun u EUR 0,3 biljun.

Għall-awtoritajiet nazzjonali:

- Żieda fid-daqs tas-suq tat-turiżmu aċċessibbli, u tnaqqis fil-kostijiet tal-infurzar għall-Kard Ewropea għall-Parkeġġ. Żieda fid-dħul mit-taxxa minn daqs akbar tas-suq tat-turiżmu aċċessibbli.

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta?

Il-kostijiet stmati u n-natura tal-kostijiet relatati mal-għażla ppreferuta huma kif ġej:

- Għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità, il-kostijiet huma relatati ma':
 - l-offerta ta' kundizzjonijiet preferenzjali għall-fornituri tas-servizzi, pereżempju, fil-każ ta' kostijiet tat-trasport stmati għal bejn EUR 116 u 161 miljun għall-UE (li jammontaw għal 0,05-0,08 % tat-trasport tal-passiġġieri mhux bl-ajru), li jvarjaw bejn l-Istati Membri;
 - il-produzzjoni tal-kard, stmata għal bejn EUR 1,02 u 4,54 għal kull kard; u
 - l-kostijiet diġitali, il-kostijiet amministrattivi, il-kostijiet tas-siti web nazzjonali u l-kostijiet tas-sensibilizzazzjoni, stmati għal bejn EUR 90 000 u EUR 535 000 għal kull Stat Membru.
- Għall-Kard għall-Parkeġġ, il-kostijiet huma relatati ma':
 - il-produzzjoni tal-kard, stmata għal bejn EUR 1,02 u 4,54 għal kull kard;
 - huma inklużi l-kostijiet tas-sit web;
 - kostijiet oħra inklużi fl-għażla ta' politika huma preżunti li huma zero minħabba li jistgħu jiġu integrati fis-sistemi eżistenti.

Kif se jintlaqtu l-intrapriżi u l-SMEs?

Ma huwa mistenni l-ebda impatt sinifikanti fuq il-kompetittività u fuq l-SMEs. Iż-żieda fil-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità fit-turiżmu se jkollha impatt pożittiv fuq it-turiżmu, li huwa settur fejn huma prevalenti l-SMEs.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Se jkun hemm ukoll xi kostijiet għall-awtoritajiet nazzjonali: il-kostijiet totali tal-implimentazzjoni se jkunu bejn wieħed u ieħor bejn EUR 95 000 u EUR 530 000 għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità (għal kull pajjiż). Dawn jinkludu l-kost ta' darba biex jiġi stabbilit is-sit web nazzjonali (bejn wieħed u ieħor bejn EUR 7 500 u EUR 23 000) u kampanji ta'

² FI-2012, l-istudju tad-DĠ GROW dwar it-turiżmu aċċessibbli stima li madwar l-UE, il-persuni b'diżabilità jivvjaġġaw ma' aktar kumpanni (medja ta' 2,2) mill-popolazzjoni tal-anzjani (medja ta' 1,6). Dawn il-persuni se jkunu kliġenti addizzjonali għas-servizzi kkonċernati.

sensibilizzazzjoni (li jiswew bejn wieħed u ieħor bejn EUR 20 000 u EUR 70 000). Il-kostijiet totali ta' darba għall-EU-27 għall-awtoritajiet pubbliċi biex jibnu sistema tal-IT għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità diġitali huma stmati għal EUR 1,67 miljun, b'kostijiet ta' manutenzjoni regolari stmati għal madwar EUR 250 000 fis-sena meta jinħarġu kards għall-persuni kollha li jirrapportaw limitazzjonijiet "severi" (dan huwa l-grupp ta' persuni b'diżabilità li x'aktarx jinħarġulu Kards Ewropej tad-Diżabilità).

Għall-Kard Ewropea għall-Parkeġġ, se jkun hemm xi kostijiet ta' aġġustament għall-aġġornament tal-mudell tal-kard u kostijiet għall-istabbiliment ta' bażi tad-*data* nazzjonali u sit web nazzjonali (kostijiet simili għal dawk ta' hawn fuq).

Id-daqs akbar tas-suq tat-turiżmu aċċessibbli, speċjalment fil-każ tal-ġhażla A2, se jwassal għal żieda fid-dħul mit-taxxa għall-baġits nazzjonali.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħrajn?

Huma mistennija effetti pożittivi qawwija fuq id-drittijiet fundamentali, prinċipalment il-libertà tal-moviment (l-Artikolu 45 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali Ewropea (EUCFR)), l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità (l-Artikolu 26 EUCFR) u n-nondiskriminazzjoni (l-Artikolu 21 EUCFR). L-inizjattiva tiżgura inklużjoni soċjali u integrazzjoni akbar tal-persuni b'diżabilità meta mqabbla mal-linja bażi.

X'se jkun il-bilanċ nett bejn il-kostijiet u l-benefiċċji għall-ġhażla ppreferuta?

It-teħid tal-livell inferjuri tal-istima tal-valur miżjud għat-turiżmu aċċessibbli ta' EUR 2,1 biljun għall-ġhażla ppreferuta għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità u t-tnaqqis tal-kostijiet stmati relatati jirriżultaw f'benefiċċju nett ta' EUR 1,56 biljun għal din l-ġhażla. It-teħid tal-livell inferjuri tal-istima tal-valur miżjud ta' EUR 0,2 biljun u t-tnaqqis tal-kostijiet relatati jirriżulta f'EUR 0,056 biljun għall-ġhażla ppreferuta għall-Kard għall-Parkeġġ. Dan jammonta għal **total ta' EUR 1 616-il biljun**.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

F'konformità mal-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, il-Kummissjoni se tevalwa l-inizjattiva ħames (5) snin wara li tidħol fis-seħħ, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u wara li tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati.